**FTUH TAS-SENA PASTORALI 2017-2018**

Nilqaghkhom ghal-ftuh tas-sena pastorali u nirringrazzjakhom talli gejtu.

It-tema li ghazilna ghal-ftuh ta' din is-sena Pastorali hija r-rilevanza tax-xhieda Nisranija llum.

Huwa importanti li, fl-ewwel lok, nifhmu il-kuntest li qed nghixu, cioe' socjeta post moderna u sekularizzata li tipprezenta numru ta' sfidi.

Socjeta post-moderna tippromwovi l-ideja mhux biss li kulhadd ghandu jkollu vuci, izda li l-vucijiet kollha huma ugwalment awtorevoli. Is-socjeta post-moderna hija ghalhekk art fertili ghar-relativizmu, fejn il-verita' tal-Knisja anke jekk ibbazata fuq ir-rivelazzjoni divina hija valida u rilevanti daqs it-tezi ta' kulhadd iehor.

Nisrani li jazzarda jipproponi, minghajr ma jimponi, li l-verita' li jhaddan hu hija dik tajba, sewwa u universali huwa kkritikat bhala arroganti u li jonqos mir-rispett lejn l-opinjoni ta' haddiehor. Araw per ezempju kif zviluppa d-diskors fuq iz-zwieg, fuq it-taghlim tal-Knisja dwar il-familja u issa wkoll fuq il-bidu u t-tmiem tal-hajja; dawn huma kollha veritajiet universali li qed jigu sfidati u mnawra u Nisrani li jazzarda jsemma lehnu fuq dawn ir-rejaltajiet huwa ttimbrat li jrid jimponi it-twemmin tieghu fuq l-ohrajn.

It-tieni nozjoni sekulari li nisimghu ripetutament hija li Alla u l-prattika tar-religjon jappartjenu ghal-hajja privata u mhux ghall-hajja pubblika. Is-socjeta tippretendi illi it-twemmin taghna ghandna nghixuh u nimmanifestawh mill-ghatba ta' darna jew mill-ghatba tal-knisja il-gewwa, imma imbaghad fuq il-post tax-xoghol, fil-pjazza, jew fil-Parlament hemmhekk is-socjeta tissugerixxi li nisvestu ruhna mit-twemmin taghna, ninzghu il-kuxjenza taghna biex inkun newtrali.

Dan kollu jikkuntrasta ma' dak li hu mistenni minna bhala Nsara. F'Mattew 5, versi 14-16 naqraw:

Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba.

Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt il-siegħ, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar.

Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin.

Mela, kuntrarjament ghal dak li tghidilna s-socjeta, Kristu mhux qed jghidlna biex inkunu newtrali jew biex illisnu dak li nemmnu fil-privatezza ta' darna. Bil-maqlub ahna msejhin biex naghtu xhieda, mhux biss fil-Knisja, jew fuq iz-zuntier imma izjed u izjed fil-pjazza. Qed nuza l-pjazza f'sens metaforiku fis-sens illi ahna msehja naghtu xhieda fil-hajja taghna ta' kull jum, kull fejn inkunu, fil-familja, fuq il-post tax-xoghol, fil-hin tar-rikrejazzjoni, fuq il-media socjali, fil-hajja pubblika u anke fil-politika.

Ahna persuni konsistenti; ahna Nsara fil-pjazza daqs kemm ahna Nsara f'darna jew fil-Knisja, ahna Nsara kull jum u kul hin u mhux Nhar ta' Hadd, ahna persuni holistici, maghmula mill-gisem, mill-mohh u mir-ruh u ngorru il-kuxjenza taghna kull fejn inkunu. Ma nistghux nghidu ahna dehlin il-Knisja mela Ha nhallu gisimna u mohhna barra u hawnhekk nidhlu bil-kuxjena taghna. Bl-istess mod ma nistghux nghidu issa sejrin ghar-rikrijeazzjoni jew fuq il-post taz-xoghol u ha mmorru b'gisimna u b'mohhna imma ser nhallu l-kuxjenza warajna.

Kien hemm min justifica... 

Tajjeb li nghidu li dawn mhumiex sfidi godda. Bizzejjed inharsu lejn it-testment il-Qadim u naraw li Alla dejjem immanifesta ruhu f'socjeta pluralista. It-testment il-qadim jurina li lanqas l-allat foloz m'huma xi fenomenu ta' dan is-seklu. Forsi l-allat foloz tbiddlu fil-forma taghhom imma l-isfida li twassal il-messagg tal-Evangelju f'kuntest pagan jew sekulari, f'socjeta pluralista, ezistiet sa mil-bidu nett. Anzi ahna xxurtjati li ghandna eluf ta' snin ta' storja biex jghinuna. Ghalhekk ma nistghux naqtghu qalbna. Bil-kontra ghandna nintlew b'kuragg.

Fix-xhur u fis-snin li gejjin huwa evidenti li ser niffaccjaw numru ta' sfidi:

Sfida li ser inkunu vuci minoritarja f'ibhra ta' vucijiet li jridu jsikktuna; sfida ghal-veritajiet universali mhux biss dwar l-identita' tal-familja imma wkoll dwar id-dinjita' tal-bniedem, dwar il-bidu u t-tmien tal-hajja.

Kif tafu, diga hemm fuq l-agenda parlamentari kwistjonijiet bhal-legalizzar tal-prostituzzjoni u tad-droga, l-iffrizar tal-embrjuni, u gja beda jfegg id-diskors dwar il-kiri tal-guf, l-ewtanasja u l-abort.

F'dan il-kuntest ahna msejhin lkoll biex insemmghu lehinna, biex insostnu l-verita' dwar id-dinjita tal-bniedem, biex niddefendu l-hajja f'kull stadju taghha u biex bil-mod li nghixu, b'gesti zghar fl-ordinarjeta' tal-hajja taghna ta' kull jum, inkunu dawl ghal-gnus.

Papa Frangisku qalilna li l-Kristjanezmu mhuwiex skola ta' idejat astratti jew gabra ta' tempji sbieh jew kollezzjoni ta' arti li ssahhrek, imma poplu haj li jimxi wara Kristu u li jaghti x-xhieda Tieghu f'kull hin u f'kull mument.

Kristu huwa d-dawl li aħna għandna nirriflettu, kulhadd fic-cirkustanzi li jinsab, min b'mod u min b'iehor, fl-ordinarjeta' tal-hajja taghna ta' kull jum.